# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 5**

**Rikors numru 67/16 JRM**

**Briegel Micallef**

**v.**

**Avukat Generali**

## Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrent Briegel Micallef mis-sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Sede Kostituzzjonali] fis-16 ta' Frar 2017, li permezz taghha dik il-Qorti (i) filwaqt illi laqghet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Generali u ghazlet li ma tezercitax is-setghat kostituzzjonali taghha li tisma' l-kawza skont il-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Att dwar il-

Konvenzjoni Ewropea, stante illi, ghall-ilment tieghu, ir-rikorrenti ghandu rimedju ordinarju moghti lilu mil-ligi, (ii) helset lill-istess intimat milli jibqa' iktar fil-kawza, bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Mertu**

2. Illi r-rikorrent kien gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] fil-kompetenza kriminali taghha akkuzat b'reati in konnessjoni mad-droga u kien gie misjub hati minn dik il-Qorti b'sentenza moghtija fl-4 ta' Frar 2015. Huwa appella minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, liema appell ghadu pendenti u jinsab sospiz pendenti l-proceduri kostituzzjonali odjern.

3. Permezz ta' dawn il-proceduri r-rikorrent qed jitlob li l-Qorti [1] tiddikjara li l-gurisprudenza tal-qrati maltin f'dak li jirrigwarda *entrapment* tikser id-dritt tieghu ghal smigh xieraq kif protett mill-Artikolu 39[1] tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni; [2] li ssib li fil-kaz tieghu fil-fatt kien hemm *entrapment* u, [3] li ghalhekk jinghata rimedju effettiv u immedjat minhabba tali ksur.

4. Min-naha tieghu l-intimat isostni li, peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti u li ghalhekk ghad hemm il-possibilita` li r-rikorrent, allura akkuzat, ma jinstabx hati, dawn il-proceduri huma intempestivi.

**Is-Sentenza Appellata**

5. L-Ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrent jilminta li kien mixli b'reati marbutin ma' pussess u traffikar ta' droga u għaddej minn proċess quddiem Qorti ta' kompetenza kriminali b'rabta mal-istess xiljiet u li dan ġara wara li kien minsub mill-Pulizija biex jinqabad fil-fatt jagħmel ir-reati li bihom xlietu ("*entrapment*"). Huwa jgħid li l-fatt li l-Qrati Maltin ta' kompetenza kriminali jagħrfu l-*entrapment* jikser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni u jitlob li din il-Qorti tqis dan u tagħtih rimedju minkejja li l-proċediment kontrih għadu ma ntemmx;
>
> "Illi għal din l-azzjoni, l-intimat Avukat Ġenerali billi, b'mod preliminari, qal li jqis li l-azzjoni nbdiet qabel waqtha għaliex il-proċediment li għalih jirreferi r-rikorrent għadu miexi quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sewwasew fuq il-kwestjoni li huwa jqanqal f'din il-kawża. Iżid jgħid li l-kwestjoni ta' dak li ġara fil-każ tiegħu u jekk huwiex minnu li r-rikorrent kien vittma ta' nassa minsuba mill-Pulizija hija kwestjoni ta' apprezzament ta' provi li trid tagħmlu l-Qorti ta' kompetenza kriminali li quddiemha jinsab il-każ u mhux din il-Qorti ta' setgħat "kostituzzjonali". Azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali ma jmisshiex tintuża biex, wara li jkunu ngħalqu l-provi f'kawża kriminali, parti terġa' tfittex okkażjoni biex tista' tiftaħ il-każ mill-ġdid. Għalkemm il-fatt li l-jedd għal smigħ xieraq jeżisti wkoll meta l-proċeduri li dwarhom isir ilment ikunu għadhom ma ntemmux, id-diskrezzjoni li tista' tinqeda biha din il-Qorti biex ma twettaqx is-setgħat tagħha tiddependi wkoll minn jekk il-parti li tersaq quddiemha b'ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali tkunx inqdiet b'rimedji 'ordinarji' fi ħdan il-proċediment innifsu li jkun għadu miexi quddiem Qorti oħra. Għalhekk, jgħid li din il-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża skond il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Laqa' wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;
>
> "Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-imsemmija ewwel eċċezzjoni preliminari li, fil-qofol tagħha, hija wkoll stedina biex il-Qorti tqis jekk ir-rikorrent għandux jew inqediex bir-rimedji 'ordinarji' li tagħtih il-liġi biex jikseb rimedju għall-ilmenti tiegħu;
>
> "Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> u safejn rilevanti għas-sentenza tallum, jirriżulta li f'xi żmien wara Ġunju tal-2006, ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mixli b'reati marbutin mal-pussess u mat-traffikar ta' droga mwettqin fil-5 ta' Ġunju ta' dik is-sena jew fix-xhur ta' qabel dakinhar;

"Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-4 ta' Frar, 2015[1] u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent instab ħati tal-akkużi mressqa kontrih;

"Illi r-rikorrent appella mill-imsemmija sentenza fis-16 ta' Frar, 2015[2];

"Illi kemm fis-sentenza li minnha ressaq l-appell u kif ukoll fir-Rikors tal-Appell tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, tqajmet u kienet trattata l-kwestjoni tal-"*entrapment*";

"Illi l-appell tar-rikorrent tqiegħed għas-smigħ, imma waqt is-smigħ tal-5 ta' Mejju, 2016[3] quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, l-avukat difensur tar-rikorrent għarraf lil dik il-Qorti li kien fi ħsiebu jressaq dawn il-proċeduri dwar l-aspett tal-*entrapment* kif jolqot direttament il-każ tiegħu. Minnufih, dik il-Qorti iddikjarat li kienet qiegħda "tilqa' t-talba" u ħalliet l-appell għat-tagħrif ulterjuri, filwaqt li ordnat lill-appellant (ir-rikorrent tal-lum) biex fi, żmien xahar minn dakinhar, iressaq fl-atti tal-appell kopja tar-Rikors tal-lum;

"Illi fit-12 ta' Lulju, 2016, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

"Illi l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami jitolbu li l-Qorti tqisha fid-dawl tal-istadju bikri li fih għadu jinsab il-każ imressaq quddiemha. Tirrileva wkoll li, minkejja li jidher li r-rikorrent qanqal il-kwestjoni tal-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali quddiem il-Qorti tal-Appell, din il-kawża tressqet b'rikors 'oriġinarju' tal-istess rikorrent u mhux bħala Riferenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, minkejja li jidher li laqgħet talba biex dan isir meta ma jidhirx li formalment saret talba;

"Illi l-Qorti tħoss li huwa tajjeb li ttenni li l-ilment tar-rikorrent jinbena fuq il-kawżali tas-smigħ xieraq minħabba li, jgħid, il-Qrati Maltin ma jqisux (skond is-sentenzi minnhom mogħtija) li l-*entrapment* jikser il-jedd tas-smigħ xieraq tal-persuna li tinqabad f'reat li dwaru tkun minsuba mill-Pulizija. Ir-rikorrent isejjes l-azzjoni tiegħu kemm fuq il-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq il-Konvenzjoni. Il-Qorti tinnota li l-eċċezzjoni taħt eżami tirrigwarda kemm l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 u kif ukoll l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni;

"Illi l-intimat Avukat Ġenerali jsejjes l-eċċezzjoni tiegħu fuq il-fatt li l-kwestjoni mqajma mir-rikorrent f'din il-kawża kienet imqajma minnu fil-proċeduri meħuda kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u saħansitra kienet mistħarrġa b'reqqa minn dik il-Qorti fis-sentenza li ngħatat dwar l-akkużi li kien mixli bihom. Jgħid ukoll li l-istess ilmenti li r-rikorrent jagħmel quddiem din il-Qorti jtennihom fir-Rikors tal-Appell tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u li dik il-Qorti għadha trid tqis sewwasew dik il-kwestjoni waqt it-trattazzjoni li jmissha ssir quddiemha.

[1] Dok "AG1", f'paġġ. 13 sa 39 tal-proċess
[2] Dok "AG2", f'paġġ. 44 sa 55 tal-proċess
[3] Dok "AG3", f'paġ. 56 tl-proċess

Huwa jgħid li l-fatt li r-rikorrent ressaq l-appell u li fl-appell hemm bħala aggravji ewlenin il-kwestjoni tal-*entrapment* jixhed biċ-ċar li hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex iwasslu lil din il-Qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat 'kostituzzjonali' tagħha biex tisma' din il-kawża li tressqet qabel il-waqt meta r-rikorrent għandu u nqeda b'rimedju 'ordinarju' effettiv mogħti lilu mil-liġi u li jista' jkompli jinqeda bih fi proċediment li jħares il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq;

"Illi, min-naħa tiegħu, ir-rikorrent iwarrab l-argumenti tal-intimat billi jgħid li l-passi li ħa ma jindirizzawx l-ilmenti tiegħu u lanqas jikkostitwixxu mqar rimedju ordinarju biżżejjed biex jingħata l-kumpens li jixraqlu;

"Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis l-eċċezzjoni taħt eżami, tħoss li jixraq tosserva li, fil-fatt, l-intimat isemmi wkoll li l-azzjoni tressqet qabel waqtha. Strettament, l-eċċezzjoni tal-intempestivita' mhijiex l-istess bħall-eċċezzjoni partikolari li titqajjem taħt id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dak tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. L-eċċezzjoni tal-intempestivita' hija waħda ta' għamla dilatorja u għalhekk għandha titqajjem u tiġi mistħarrġa fil-bidu tal-kawża[4]. M'hemmx għalfejn jingħad li f'dan il-każ il-piż tal-prova jaqa' fuq l-intimati li jikkonvinċu lill-Qorti li l-azzjoni ma saritx f'waqtha u dan fuq il-massima li *reus in excipiendo fit actor.* Huma meħtieġa l-istess provi fi grad tali li ssoltu jaqa' fuq attur dwar il-pretensjonijiet tiegħu[5]. Minbarra dan, minħabba li l-effett ta' eżitu favorevoli għal eċċezzjoni ta' intempestivita' huwa dak li jeħles lill-parti mħarrka milli tibqa' iżjed fil-kawża, bil-jedd tal-parti attriċi li terġa' tibda proċedura meta jgħaddi t-terminu li kien ingħata, l-eċċezzjoni trid tintlaqa' meta tassew tkun pruvata u dan fuq il-massima li azzjoni tiġi salvata jekk dan huwa possibbli;

"Illi f'dan ir-rigward ta' min jgħid li, f'każijiet ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali, l-eċċezzjoni tal-intempestivita' tal-azzjoni trid tgħaddi wkoll minn għarbiel ieħor ifjen. Dan jingħad għaliex azzjoni bħal din ukoll tista' titressaq qabel ma jkun seħħ ksur ta' jedd bħal dan. Fil-każ li għandna quddiemna, il-fatt waħdu li l-intimat eċċipjenti jorbot l-intempestivita' mal-kawża li għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ma jġibx li din il-kawża tressqet qabel waqtha, u l-eżami li trid tagħmel il-Qorti irid jagħti riżultati aqwa mis-sempliċi kostatazzjoni ta' proċeduri oħrajn pendenti quddiem qrati oħra[6];

"Illi forsi kien għalhekk li l-għaref difensur tal-intimat waqt it-trattazzjoni[7] dik l-eċċezzjoni ippreċiża li dik l-eċċezzjoni tal-intempestivita' trid tinftiehem fis-sens li r-rikorrent kellu u għad għandu rimedji oħrajn li jista' jinqeda bihom bla ma kellu għalfejn jirrikorri għall-proċedura tal-ilment tal-ksur tal-jeddijiet fundamentali;

[4] Ara Kumm. **28.5.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Ellul*** (Kollez. Vol: **XLIX.iii.1161**)
[5] Ara P.A. **18.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Ricci vs Latzen*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.745**)
[6] Ara P.A. Kost MCH **28.5.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Ivan Gauċi et vs L-Avukat Ġenerali et*** (mhix appellata)
[7] Paġ. 59 tal-proċess

"Illi għalhekk, fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni preliminari taħt eżami, din il-Qorti sejra tqis l-eċċezzjoni tal-intempestivita' biss kif hekk imfissra u b'rabta mal-prinċipji li jirregolaw il-kwestjoni tad-diskrezzjoni ta' din il-Qorti li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha f'dan il-każ;

"Illi kif ingħad għadd ta' drabi, l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u oġġettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[8]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

"Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[9] lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[10];

"Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[11]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, għaliex ikun biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[12]. Fuq kollox,

[8] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)

[9] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***

[10] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***

[11] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

[12] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

ir-rimedju "ordinarju" mogħti jgħodd ukoll fejn dan jingħata bis-saħħa ta' liġi, imqar jekk biex jindirizza ksur ta' jedd fundamentali li diġa' seħħ jew li x'aktarx iseħħ[13];

"Illi joħroġ ukoll li l-eżistenza ta' rimedju "ordinarju" trid tkun murija kif imiss minn min iqanqal l-eċċezzjoni. F'dan il-każ, kien l-intimat li qajjem l-eċċezzjoni li r-rikorrent għandu rimedju ieħor għad-dispożizzjoni tiegħu, u huwa għalhekk dmir tal-imsemmi intimat li juri li r-rikorrent tassew għandu dak ir-rimedju;

"Illi f'dan ir-rigward ingħad li "*Remedies must be real and practical and not theoretical or illusory, e.g. genuine fear of reprisals, intimidation. Account will be taken not only of the personal circumstances of the applicant, but the general legal and political context in which the alleged remedies operate. An unduly formalistic approach is not to be taken by the Convention organs which will apply a certain degree of flexibility. Remedies must be effective, i.e. capable of providing redress for the complaint...; the speed of the procedure may also be relevant to its effectiveness; the remedy must be capable of remedying directly the state of affairs; form part of the normal process of redress and involving normal use of the remedy...; be accessible...; offer reasonable prospects of success; a mere doubt as to the prospect of success in going to court does not exempt from exhaustion. Where case-law is unclear, contradictory or in the process of ongoing interpretation, an applicant may be expected to pursue an action or appeal which allows the courts to rule on the issues. ... Also, if there is more than one remedy available, an individual is not required to try more than one; an applicant is generally not required to try the same body again by way of a repeated request or application*"[14]. Fil-fehma tal-Qorti, dawn ir-regoli għaqlin joqogħdu sewwa għall-każ tal-lum u b'żieda ma' dak li ngħad aktar qabel;

"Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[15]. Mhuwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[16];

"Illi huwa mgħallem ukoll li "*it is not only judicial remedies which must be sought, but every remedy under national law which may lead to a decision that is binding on the authorities, including the possibility of*

---

[13] Kost. **11.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brincat et vs Policy Manager ta' Malta Shipyards et***

[14] K Reid <u>A Practitioner's Guide to the European Convention on Huma Rights</u> (3[rd]. Edit, 2007) §I-040, pġ. 31 – 2

[15] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***

[16] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)

*appeal to administrative bodies, provided that the remedy concerned is adequate and effective*"[17];

"Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[18]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[19]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti Kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[20];

"Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[21];

"Illi fil-qasam tal-istħarriġ tal-eżistenza ta' rimedji oħrajn xierqa, jinsab stabilit li "*With respect to the way in which and the time-limits within*

[17] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th. Edit, 2006), pġ. 133

[18] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***

[19] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

[20] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

[21] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***

*which proceedings must be instituted, national law is decisive. If in his appeal to a national court an applicant has failed to observe the procedural requirements or the time-limits, and his case has accordingly been rejected, the local remedies rule has not been complied with. ... The interpretation and application of the relevant provisions of national law in principle belong to the competence of the national authorities concerned*"[22]. Dak li jingħad dwar it-teħid tar-rimedji quddiem l-awtoritajiet nazzjonali qabel ma wieħed jista' jmexxi każ quddiem il-Qorti ta' Strasbourg[23] jidher li jista', fil-qafas ġenerali, jgħodd ukoll għall-kwestjoni tat-teħid tar-rimedji "ordinarji" qabel ma wieħed imexxi 'l quddiem bil-proċedura speċjali tal-ilment dwar ksur ta' jedd fondamentali quddiem il-Qrati nazzjonali;

"Illi l-kejl determinanti dwar l-aċċettabilita' ta' rimedju bħal dak jibqa' dejjem dak ta' kemm huwa effettiv ir-rimedju li jista' jingħata. Għalhekk, kien hemm każijiet fejn ir-rimedju amministrattiv tqies bħala wieħed li jindirizza sewwa l-ilment imressaq mir-rikorrent (ukoll fejn l-allegazzjoni kienet ta' ksur ta' jedd "konvenzjonali")[24] (u għalhekk jiġġustifika li l-Qorti "kostituzzjonali" tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha straordinarji), imma kien hemm każijiet oħrajn ukoll fejn tali rimedju ma tqiesx bħala wieħed effettiv[25];

"Illi, minbarra dan, jidher li l-kwestjoni marbuta mal-eżawriment tal-proċeduri 'ordinarji' qabel ma wieħed jersaq għar-rimedju 'kostituzzjonali' jew 'konvenzjonali' jridu jitqiesu wkoll minn jekk ir-rimedji eżistenti jitqisux fihom infushom tajbin biżżejjed biex ma joħolqux ilmenti ġodda ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali meta wieħed iqis jekk għandux jirrikorri għalihom. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li ma tistax tinjora l-kejl suġġerit mill-Qorti ta' Strasbourg fejn jidħol dan l-element ta' eżawriment ta' rimedji domestiċi ordinarji, kif stabilit f'kawżi li jolqtu lil Malta[26];

"Illi fil-każ li għandna quddiemna, l-ilment tar-rikorrenti huwa wieħed ta' allegat ksur ta' jedd għal smigħ xieraq marbut sfiq mal-kwestjoni tal-*entrapment* li huwa jgħid li ntasab kontrih u li wassal għas-sejbien tal-ħtija tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati. L-azzjoni mhix qegħda titlob it-tħassir ta' xi liġi jew ta' xi provvediment b'saħħa ta' liġi u timmira li titlob lil din il-Qorti tistħarreġ ċirkostanza x'aktarx ġenerika maħsuba biex tagħti dikjarazzjoni dwar jekk il-fehma ta' xi Qrati Maltin dwar l-*entrapment* twassalx għall-ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq jekk kemm-il darba l-Qorti li quddiemha jinsab l-appell tiegħu kellha tistrieħ fuq dik il-fehma (huwa jsejħilha 'ġurisprudenza');

"Illi b'sostenn tal-eċċezzjoni tiegħu, l-intimat jisħaq li r-rikorrent għandu tabilħaqq rimedju xieraq u effettiv li bih jista' jindirizza l-ilment tiegħu.

[22] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op cit*, pġ. 134
[23] Ara art. 35(1) tal-Konvenzjoni
[24] Ara, per eżempju, Kost. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs Kummissarju tal-Pulizija***
[25] Ara, per eżempju, Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' tat-Trasport Pubbliku***
[26] Ara Q.E.D.B. **24.10.2014** fil-kawżi fl-ismijiet ***Brincat et vs Malta*** (Applik. Nri. 60908/11 u 62110/11 et) §§ 64, 68 u 72

Jgħid li dan ir-rimedju nqeda bih imma ħalaq ix-xkiel b'din il-kawża u waqqaf il-mixi ta' dak ir-rimedju. Huwa jgħid li, minkejja li r-rikorrent jisħaq li kien vittma ta' *entrapment*, il-Qorti tal-Maġistrati stħarrġet dik id-difiża u sabet li ma kienx minnu li l-Pulizija tassew nasbitu. Minkejja dan, ir-rikorrent reġa' qanqal il-kwestjoni bħala aggravju fir-Rikors tal-Appell tiegħu u dan l-aggravju għad irid jiġi mismugħ u mistħarreġ ukoll mill-Qorti tal-Appell. L-intimat jgħid li l-Qorti ma tistax tintalab issib ksur tal-jedd għal smigħ xieraq billi tagħmel eżerċizzju astratt jew ipotesi[27], u lanqas biex tiddetta kif il-Qorti li l-każ tar-rikorrent jinsab quddiemha jmissha taqta' l-kawża;

"Illi min-naħa tiegħu, ir-rikorrent jgħid li biex din il-Qorti twettaq is-setgħat tagħha u tqis l-ilment tiegħu ma għandux għalfejn ikun intemm il-proċess li għaddej minnu u mbagħad tagħtih rimedju wara li jkun intemm kollox. Huwa jgħid li hija funzjoni ta' din il-Qorti li tagħraf il-ksur qabel ma jkun imġarrab biex tkun f'qagħda li tagħti rimedju qabel ma jseħħ il-ksur[28]. Huwa jżid jgħid li f'dan il-każ, ma jkunx jagħmel sens li joqgħod jistenna li l-Qorti tal-Appell Kriminali tagħti s-sentenza u mbagħad, wara li jintemmu dawk il-proċeduri (jekk ikunu ntemmu bil-konferma tas-sentenza tal-Qorti tal-ewwel istanza), jipprova jfittex ir-rimedju tal-ilment tal-ksur tal-jedd fundamentali bl-implikazzjonijiet u l-komplikazzjonijiet li ġġib magħha sentenza li tkun saret ġudikat b'piena ta' ħabs;

"Illi fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali qieset id-difiża tar-rikorrent dwar l-*entrapment* (għalkemm ma sabitx li kienet mistħoqqa) jixhed li, mill-aspett proċedurali, Qorti Maltija aċċettat li dik id-difiża tista' titqajjem u tkun mistħarrġa. Fit-tieni lok, ladarba r-rikorrent qanqal l-istess difiża fl-aggravji tiegħu mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati jixhed li r-rikorrent innifsu qiegħed jistenna li l-kwestjoni tkun mistħarrġa u ittrattata fil-proċedura tal-appell li l-liġi tagħtu l-jedd li jirrikorri għalih sewwasew biex jista' jikseb "it-tieni eżami" tal-linja difensjonali tiegħu. Fit-tielet lok, huwa mistenni li, fit-trattazzjoni tal-appell (ladarba jitkompla) id-difensur tar-rikorrent sejjer isejjes l-argumenti tiegħu bl-istess ġurisprudenza li jirreferi għaliha fir-Rikors promotur tiegħu fil-kawża tal-lum. Fir-raba' lok, huwa mistenni wkoll li l-Qorti tal-Appell Kriminali (bħal kull Qorti oħra bla ma hemm għalfejn tkun mogħnija bis-setgħat 'kostituzzjonali' jew 'konvenzjonali') tagħraf l-aspetti tal-jedd għal smigħ xieraq dwar il-kwestjoni tal-*entrapment* kif stabiliti mill-organi 'kostituzzjonali' u 'konvenzjonali' lokali u barranin u ssejjes il-fehmiet tagħha fuqhom. Din il-konsiderazzjoni taf tkun ukoll raġuni waħedha għaliex din il-Qorti tkun mistennija li twettaq id-diskrezzjoni tagħha li ma teżerċitax is-setgħat tagħha 'kostituzzjonali' f'ċirkostanza bħal din[29]. Fil-ħames lok, il-fatt li xi sentenzi mogħtijin mill-Qrati Maltin ma jogħġbux lir-rikorrent ma jfissirx li dawn jorbtu jdejn il-Qorti li l-appell tiegħu issa qiegħed jinstema' quddiemha u li din ma tistax tiddeċiedi mod ieħor skond l-

[27] Kost. **7.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Glenn Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et***

[28] Paġ, 68 tal-proċess

[29] Ara Kost. **30.9.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Mark Refalo noe vs Id-Direttur tal-Artijiet et***

aħjar konvinċiment tagħha u bi tħaddim ta' ġurisprudenza li ma timxix ma' dik li ddarras lir-rikorrent. Fl-aħħarnett, ladarba l-każ tar-rikorrent jinsab quddiem Qorti li għandha s-setgħa, jekk tassew tħoss il-ħtieġa ta' dan, li tirreferi l-kwestjoni hija nnifisha lil din il-Qorti, joħroġ aktar ċar li r-rimedju li huwa għandu għad-dispożizzjoni tiegħu huwa wieħed effettiv u li jilħaq l-għanijiet li ssemmew aktar qabel f'din is-sentenza;

"Illi, wara li l-Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, hija tasal għall-fehma li l-intimat Avukat Ġenerali taha raġunijiet tajba biżżejjed biex tilqa' l-istedina tiegħu li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali tagħha biex tisma' l-każ imressaq quddiemha mir-rikorrent, u dan għar-raġuni li r-rikorrent kellu u għad għandu rimedji oħrajn tajba dwar l-ilment tiegħu. Għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-eċċezzjoni preliminari;"

## L-Appell

6. B'rikors tal-appell prezentat fit-12 ta' Lulju 2016 ir-rikorrent qed jitlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tibghat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti ghall-prosegwiment tal-kaz tieghu fuq il-meritu.

7. L-aggravju tar-rikorrent hu bazat fuq diversi konsiderazzjonijiet li, safejn setghu jigu identifikati, mill-korp tar-rikors tal-appell tieghu, jikkonsistu fil-qosor fis-segwenti:- (1) skont ir-rikorrent, il-pozizzjoni legali ghandha tkun illi, f'kaz li jirrizulta *entrapment*, l-akkuzat ghandu jigi liberat u ghalhekk, meta l-ewwel Qorti qieset li d-difiza ta' *entrapment* tista' titqajjem u tigi mistharrga, din kienet qed thaddan l-istess gurisprudenza li qed jattakka f'dawn il-proceduri li tikkonferma li l-*entrapment* ma jezentax mir-responsabbilita` kriminali; (2) ir-rikorrenti ma jaqbilx lanqas mal-konsiderazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti fis-sens illi, gialadarba huwa stess issolleva bhala aggravju fir-rikors tal-

appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati l-istess difiza dwar *entrapment*, dan ifisser illi ghandu jistenna li din l-istess linja difenzjonali tieghu tigi trattata u mistharrga fl-imsemmi proceduri ta' appell; (3) li fil-qafas tad-difiza tieghu dwar *entrapment*, huwa legittimu illi tigi attakkata l-interpretazzjoni assenjata lid-difiza tieghu anke fi stadju qabel tigi dikjarata jew konfermata htija; (4) li skont ir-rikorrenti, gialadarba ma tezisti l-ebda ligi jew gurisprudenza lokali li tirrikonoxxi l-*entrapment*, l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment tghid li s-sentenzi moghtijin mill-qrati Maltin ma jorbtux necessarjament lill-Qorti li qed tisma' l-appell kriminali tieghu, stante wkoll illi l-qrati Maltin ma humiex necessarjament marbutin bil-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea; (5) ir-rikorrent jilmenta wkoll bl-osservazzjoni ta' l-ewwel Qorti li, fil-proceduri kriminali li ghadhom pendenti, il-qorti li qed tisma' dik il-kawza kellha u ghad ghandha s-setgha li tirreferi l-kwistjoni hija stess lil din il-Qorti, liema referenza ghandha titqies bhala rimedju effettiv ghar-rikorrenti; (6) finalment ir-rikorrent jilmenta illi jekk ikun hemm sentenza definittiva li tikkonferma l-htija tieghu fil-proceduri kriminali li sal-lum ghadhom pendenti, din tkun ezegwibbli u ghalhekk ghalxejn isiru proceduri kostituzzjonali f'dak l-istadju ghaliex ir-rimedju ma jistax jitqies iktar bhala wiehed effettiv.

8. Ghal dan l-appell, l-intimat Avukat Generali pprezenta risposta fis-7 ta' Marzu 2017 fejn, ghar-ragunijiet hemm esposti, huwa jsostni illi s-

sentenza appellata hija gusta, u ghalhekk qed jitlob illi, filwaqt li l-appell tar-rikorrent jigi michud, is-sentenza appellata ghandha tigi konfermata; bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mir-rikorrenti.

**L-Aggravju**

9. L-appell odjern jikkoncerna principalment l-uzu tad-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti skont il-proviso tas-subinciz (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni. L-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-proviso relattiv jipprovdu hekk:

> "(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:
>
> "Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra".

10. L-Artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni u l-proviso relattiv jipprovdu hekk:

> "(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:
>
> "Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun

sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra".

11. Ir-rikorrent jilmenta li, ghalkemm il-Qorti tal-Magistrati accettat li d-difiza tal-*entrapment* tista' titqajjem u tkun mistharrga - "*fl-ebda mument [dik il-Qorti] ma qalet li jekk jirrizulta l-entrapment tillibera. Formalizmu versus is-sustanza.*"[30]

12. Din il-Qorti analizzat bir-reqqa l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-4 ta' Frar 2015[31] u, bhall-ewwel Qorti, ma tirriskontra ebda dikjarazzjoni mill-imsemmija Qorti illi l-kuncett ta' *entrapment* ma huwiex ammissibbli bhala difiza fis-sistema guridiku Malti, jew dikjarazzjoni illi taghmel taghha l-principji enuncjati fis-sentenzi tal-qrati Maltin, li ghalihom accennat fis-sentenza taghha, f'materja ta' *entrapment*[32]. Lanqas sar xi hjiel jew accenn, ghal xi ipotezi fejn, kieku l-Qorti identifikat mill-provi l-ezistenza ta' cirkostanzi li jammontaw ghal *entrapment*, hija ma kinitx tikkonsidra favorevolment dik id-difiza jew kienet tiskartaha ghaliex ma tammontax ghal difiza valida kontra reat kriminali. Anzi, ma jistax ma jigix osservat illi l-Qorti tal-Magistrati qieset u addirittura iccitat, kemm sentenzi tal-qrati Maltin rigwardanti d-difiza ta' *entrapment*, kif wkoll is-sentenza tal-Qorti Ewropea li saret referenza ghaliha mir-rikorrenti stess f'dawk il-proceduri quddiemha, fl-ismijiet **Furcht v. Germany**, oltre ghal sentenzi ohrajn tal-istess Qorti Ewropea.

[30] Rikors tal-Appell.
[31] Dok. AG1.
[32] **Il-Pulizja v. Ronald Psaila** (Appell Kriminali Nru. 187/2001)

Il-Qorti tal-Magistrati, f'ebda mument ma qalet fis-sentenza taghha li ma tikkondividix il-fehma tal-Qorti Ewropea f'dawk il-kazijiet fejn fic-cirkostanzi partikolari ta' *entrapment*, gie identifikat ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni .

13. Ghall-kuntrarju, jidher manifest illi l-Qorti tal-Magistrati qieset ic-cirkostanzi tal-kaz partikolari tar-rikorrenti kif hargu mill-evidenza u kkonkludiet li fil-kaz li kellha quddiemha, ma rrizultawx l-elementi kostituttivi ta' *entrapment* fit-termini ta' dak imfisser mill-gurisprudenza kemm tal-qrati Maltin kif ukoll tal-Qorti Ewropea.

14. Ir-rikorrent donnu jinsa' illi sal-mument meta nieda dawn il-proceduri bir-rikors tieghu tat-12 ta' Lulju 2016, l-ebda Qorti ma kienet qieset li d-difiza tieghu ta' *entrapment* kienet invalida jew inammissibbli jew iddikjarat li, kieku jirrizultaw cirkostanzi ta' *entrapment*, xorta wahda ma tikkunsidrahiex. Huwa maghruf illi ma huwiex l-iskop ta' proċeduri ta' indoli kostituzzjonali li jieħdu post dawk ordinarji, jew li qrati b'setgħat kostituzzjonali jiddeċiedu kwistjonijiet qabel ma dawn jiġu deċiżi mill-qrati ordinarji. Ghalhekk huwa pjuttost anomalu li r-rimedju ordinarju jigi sospiz sakemm jigu decizi l-proceduri kostituzzjonali. Fil-kaz odjern jigi senjalat li d-determinazzjoni tal-fatt kienx hemm *entrapment* jew le hija ta' kompetenza tal-qrati kriminali ordinarji u ghalhekk dan il-punt ghandu l-ewwel jigi investigat u deciz minn dik il-qorti li hija munita bil-

kompetenza li tiddeciedi kwistjonijiet relatati ma' l-ammissibbilita` o meno tal-provi u, fil-kaz ta' qorti ta' gurisdizzjoni kriminali hija dejjem ghandha s-setgha tagħmel riferenza kostituzzjonali jekk tħoss li dan huwa meħtieġ biex tiddeċiedi l-kwistjoni.

15. Barra minnhekk, f'dan l-istadju l-Qorti tal-Appell Kriminali ghadha ma ddecidietx jekk kienx jezisti *entrapment* fil-kaz tar-rikorrent u ghalhekk, dan ghad jista' jigi liberat mill-akkuzi, f'liema kaz ikun mankanti fir-rikorrent l-interess guridiku li jressaq proceduri kostituzzjonali ghax jkun priv minn *victim status* necessarju sabiex ikollu l-legittimazzjoni attiva f'dawn il-proceduri.

16. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi t-talba li ghamel ir-rikorrent fir-rikors promotur u li ghamel referenza ghaliha fir-rikors tal-appell tieghu, li l-Qorti ta' indoli kostituzzjonali *"issib li fil-kaz tieghu kien hemm fil-fatt entrapment"* hija manifestament legalment insostenibbli.

17. Ir-rikorrent jilmenta li, fil-kaz li l-appell kriminali jinqata' kontra tieghu, allura jkun tard ghalih li jitlob rimedju kostituzzjonali ghax is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tkun ezegwibbli immedjatament.

18. Din il-Qorti tosserva fir-rigward, li kif ritenut fil-gurisprudenza nostrana:

> "L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garantit. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi."[33]

19. Ghaldaqstant, il-fatt li r-rimedju ordinarju li ghad ghandu r-rikorrent disponibbli ghalih jista' jwassal ghal rizultat li, fil-meritu tal-kawza kriminali, ikun sfavorevoli ghalih, b'daqshekk ma jfissirx li dak r-rimedju ordinarju mhuwiex wiehed adegwat u effettiv.

20. Finalment u ghal kompletezza din il-Qorti tosserva, b'referenza ghall-ilment tar-rikorrent li l-gurisprudenza nostrana fir-rigward tal-*entrapment* tikser id-dritt tieghu ghal smigh xieraq, li irrispettivament mill-kwistjoni jekk din il-gurisprudenza takkozzax jew le mal-artikoli kostituzzjonali jew konvenzjonali fuq citati, fl-ordni guridiku malti ma hemmx il-principju tal-*istare decis* u l-qrati huma liberi li, ghar-ragunijiet espressi fis-sentenzi taghhom, jiddipartixxu minn linja gurisprudenzjali stabblita.

21. Ghaldaqstant, l-aggravju tar-rikorrent ma jirrizultax li huwa fondat u ghalhekk qed jigi michud.

---

[33] PA [sk] **Maria Attard et v. Policy Manager tal-Malta Shipyards et**, deciza fit-30 ta' Settembru 2010 – konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' April 2011.- Sottolinear ta' din il-Qorti

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost mir-rikorrenti billi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjez taz-zewg istanzi jkun a karigu tar-rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld